

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > L-ispaġju Tiegħi Tal-Ġustizzja Elettronika > Bulgarija

## My e-Justice space

Bulgarija

Bulgarija



Is-servizzi tal-Ġustizzja Elettronika fil-Bulgarija huma żviluppatti u operati primarjament minn tliet awtoritajiet pubbliċi: il-Ministeru għall-Gvern Elettroniku, il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura.

1. Il-Ministeru għall-Gvern Elettroniku żviluppa mudell unifikat tal-gvern elettroniku, bil-komponenti li ġejjin, rilevanti għall-ġustizzja elettronika u s-servizzi pubbliċi diġitali:

- Portal Unifikat għall-Aċċess għas-Servizzi Amministrattivi Elettroniċi, li huwa punt ta' dħul għas-servizzi, mogħti minn fornituri ta' servizzi amministrattivi elettroniċi għall-applikazzjoni, il-pagament u l-konsenja ta' servizzi amministrattivi elettroniċi.
- Sistema tal-eDelivery, li tippermetti li jintbagħtu, jiġu riċevuti u jinħażnu dokumenti elettroniċi għall-awtoritajiet pubbliċi, iċċittadini u l-entitajiet ġuridiċi, u minnhom. Is-sistema tal-eDelivery hija l-ekwivalent elettroniku tal-posta rreġistrata b'avviż tal-wasla.
- Sistema ta' Pagament Elettroniku.

L-awtentikazzjoni elettronika ta' persuni li jaċċessaw ir-riżorsi tal-gvern elettroniku hija possibbli b'Firma Elettronika Kwalifikata jew b'Kodiċi ta' Identifikazzjoni Personali, maħruġ mill-Aġenzija Nazzjonali għad-Dħul jew mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali.

2. Il-Ministeru għall-Ġustizzja jopera r-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru għal Entitajiet Mingħajr Skop ta' Qligħ, u s-servizzi elettroniċi li dawn ir-reġistri jipprovdu; pjattaforma ta' medjazzjoni online u pjattaforma online għaċ-Ċertifikati Elettroniċi ta' Kundanni Kriminali; servizzi tal-ġustizzja elettronika bħala pjattaforma għall-parteċipazzjoni online fl-irkantijiet ġudizzjarji pubbliċi.

3. Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura huwa l-korp amministrattiv superjuri tal-ġudikatura. Huwa żviluppa Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika li jiffaċilita l-aċċess elettroniku għall-fajls tal-kawżi u n-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji.

## Il-possibbiltà li tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-għajjnuna legali

Ma hemm l-ebda pjattaforma jew applikazzjoni online li tiffaċilita l-aċċess għall-għajjnuna legali fil-Bulgarija. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Għajjnuna Legali madankollu joffri parir legali primarju mingħajr ħlas permezz ta' linja telefonika nazzjonali għall-għajjnuna legali. Aktar informazzjoni dwar l-aċċess għall-għajjnuna legali fil-Bulgarija hija disponibbli [hawnhekk](#).

## Kumpens

Il-vittmi tal-kriminalità huma intitolati li jfittxu lill-awtur tar-reat għad-danni fi proċedimenti kriminali jew li jieħdu azzjoni legali separata għal kumpens kontra l-awtur tar-reat skont il-liġi ċivili. Madankollu, ma

hemm l-ebda għodda elettronika jew mekkaniżmu li jiffaċilita l-proċeduri biex wieħed ifittex għad-danni.

Skont l-Att dwar l-Assistenza u l-Kumpens Finanzjarju tal-Vittmi tal-Kriminalità, il-vittmi ta' xi reati vjolenti intenzjonali huma intitolati għal kumpens mill-Istat. L-applikazzjoni għal kumpens finanzjarju hija diretta lill-Kunsill Nazzjonali għall-Assistenza u l-Kumpens Finanzjarju tal-Vittmi ta' Reati fil-Ministeru għall-Ġustizzja. Il-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli biex jitniżżlu [hawnhekk](#). Ma tintuża l-ebda applikazzjoni elettronika jew tal-ICT għall-forniment ta' dan is-servizz.

---

## Ftuħ ta' kawża ċivili online

Wara l-emendi għall-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, mit-30 ta' Ġunju 2021, il-kawżi ċivili jistgħu jinfetħu kompletament online. Il-prattikanti legali u partijiet oħra fil-kawża jistgħu jippreżentaw id-dokumenti kollha tal-qorti għall-kawżi ċivili permezz ta' email. L-applikazzjonijiet (pretensjonijiet, ilmenti, dokumenti oħra) għall-ftuħ ta' kawżi ċivili sottomessi b'mod elettroniku jridu jkunu ffirmati b'Firma Elettronika Kwalifikata. [Dawn](#) huma l-qrati li jaċċettaw dokumenti rreġistrati b'mod elettroniku permezz tal-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika. It-tariffa titnaqqas bi 15 % għall-każijiet li jinfetħu online.

Ladarba tinbeda kawża fil-qorti, l-avukati u l-partijiet fil-kawża jistgħu jitolbu aċċess għall-fajl tal-kawża permezz tal-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika, operat mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura.

---

## Notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Il-possibbiltà ta' notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji hija prevista mit-tliet liġijiet proċedurali ewlenin - il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva. Parti fil-proċedimenti tal-qorti tista' titlob li d-dokumenti ġudizzjarji jiġu nnotifikati b'mod elettroniku fuq:

- Servizz elettroniku kwalifikat ta' notifika rreġistrata, b'has-Sistema tal-[e-Delivery](#), operat mill-Ministeru għall-Gvern elettroniku;
- Il-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika, operat mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura.

In-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji permezz ta' kont tal-email hija wkoll metodu validu ta' notifika f'xi proċedimenti ġudizzjarji. Fi kwalunkwe mument, il-partijiet f'kawża u l-partijiet l-oħra fil-kawża jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx fl-opzjoni tas-servizz elettroniku.

Awtorità kompetenti:

Il-Ministeru għall-Gvern elettroniku, għas-Sistema tal-[e-Delivery](#)

Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, għall-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

Bħala regola, in-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji permezz tas-Sistema tal-[e-Delivery](#) u l-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika hija aċċessibbli għall-partijiet f'kawża speċifika, l-avukati tagħhom u

parteċipanti oħra fil-kawża.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Biex jaċċessa s-Sistema ta' e-Delivery, utent irid jawtentika l-identità tiegħu/tagħha bl-użu ta' waħda mill-għodod ta' identifikazzjoni li ġejjin:

- Firma Elettronika Kwalifikata
- Numru tal-Identità Personali maħruġ mill-Aġenzija Nazzjonali tat-Taxxa
- Numru ta' Identifikazzjoni Personali maħruġ mill-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali.

Biex jaċċessa l-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika, utent irid jawtentika l-identità tiegħu/tagħha bl-użu ta' Ċertifikat tal-Firma Elettronika Kwalifikata.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

L-aċċess għas-Sistema tal-e-Delivery u l-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika mhuwiex ikkundizzjonat mill-forniment ta' kwalunkwe dokument.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokumenti ġudizzjarji nnotifikati permezz tas-Sistema tal-e-Delivery jew il-Portal Unifikat tal-Ġustizzja Elettronika jitqiesu li ġew notifikati fil-mument li jitniżżlu mis-sistema. Fi proċedimenti ċivili u amministrattivi, jekk id-dokumenti ma jitniżżlux fi żmien 7 ijiem minn meta jintbagħtu, dawn jitqiesu notifikati fl-ewwel jum wara li jkun skada l-perjodu ta' 7 ijiem. F'kawżi kriminali, jekk id-dokumenti ma jitniżżlux fil-perjodu ta' 7 ijiem minn meta jintbagħtu, dawn iridu jiġu nnotifikati fuq karta.

Il-possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Sakemm l-utent ikollu Firma Elettronika Kwalifikata, il-proċeduri jistgħu jitlestew kompletament online.

Kost: Is-servizzi huma mingħajr ħlas.

Links:

<https://ecase.justice.bg/>

<https://edelivery.egov.bg/>

Aktar informazzjoni dwar kif tikseb aċċess għan-notifika elettronika ta' dokumenti ġudizzjarji fil-Bulgarija hija disponibbli fuq: <https://ecase.justice.bg/Home/FAQ> u <https://edelivery.egov.bg/Help>.

---

## Parteċipazzjoni f'irkantijiet ġudizzjarji

Il-possibbiltà għal irkantijiet ġudizzjarji ġiet stipulata fl-Artikoli 501a-501g tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Bulgaru mill-2017. Il-liġi tipprevedi l-possibbiltà li l-irkantijiet isiru fi pjattaforma elettronika ddedikata, stabbilita u amministrata mill-Ministeru tal-Ġustizzja, li tippermetti l-parteċipazzjoni remota bl-użu ta' Firma Elettronika Kwalifikata. Il-pjattaforma ġiet żviluppata u bdiet titħaddem mill-20 ta' Lulju 2023.

Link: <https://zapori.mjs.bg/>

Skont l-Artikolu 487(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hemm obbligu li l-uffiċjali ġudizzjarji jippubblikaw l-avviżi għall-irkantijiet fuq is-sit web tal-qorti reġjonali fejn ikun se jsir l-irkant. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 19(4) tal-Att dwar l-Uffiċjali Ġudizzjarji Privati, l-uffiċjali ġudizzjarji privati huma meħtieġa

## Aċċess għal servizzi ta' medjazzjoni

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Il-medjazzjoni fil-Bulgarija hija kompletament volontarja. Hija rregolata mill-Att dwar il-Medjazzjoni. Skont l-Artikolu tal-Att dwar il-Medjazzjoni, il-medjazzjoni hija proċedura volontarja u kunfidenzjali għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, fejn parti terza, medjatur, t/jassisti lid-disputanti biex jilħqu soluzzjoni. Is-suġġett tal-medjazzjoni jista' jkun tilwim ċivili, kummerċjali, tax-xogħol, tal-familja u amministrattiv relatat mad-drittijiet tal-konsumatur, u tilwim ieħor bejn persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi, inkluż meta dawn ikunu tilwimiet transfruntiera. Il-liġi tippermetti li l-medjazzjoni titwettaq fil-każijiet previsti fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, iżda bħalissa ma hemm l-ebda każ bħal dan previst.

FI-2020, il-Ministeru għall-Ġustizzja nieda s-sit web <https://mediation.mjs.bg/> li għandu modulu mingħajr ħlas għat-twettiq tal-medjazzjoni online. Il-modulu tal-medjazzjoni jippermetti lill-utenti:

- jibdew medjazzjoni billi jissottomettu applikazzjoni;
- jagħżlu medjatur;
- jaċċettaw jew jirrifjutaw ftehim biex tinbeda l-medjazzjoni;
- jawtorizzaw lil persuna biex tirrappreżentahom wara l-bidu tal-proċedura;
- jaċċettaw jew jirrifjutaw avveniment organizzat mill-medjatur;
- jorganizzaw avveniment mal-medjatur;
- jaċċettaw jew jirrifjutaw ftehim (soluzzjoni) mill-medjazzjoni;
- itemmu l-medjazzjoni.

Il-komunikazzjoni fis-sistema tista' ssir permezz ta' konferenzi bl-awdjo u bil-vidjo, u chat.

Ftehim dwar tilwima legali milfuq fi proċess ta' medjazzjoni għandu l-effett ta' soluzzjoni bil-qorti u huwa soġġett għall-approvazzjoni minn qorti reġjonali. Il-Qorti kompetenti tapprova l-ftehim, ladarba jiġi rikonoxxut mill-partijiet, jekk dan ma jikkontradixxi il-liġi jew il-prinċipji tal-moralità.

Awtorità kompetenti: Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

L-applikant għandu jaċċetta t-termini tal-użu tal-pjattaforma.

L-għoti ta' dettalji ta' kuntatt tal-parti l-oħra mhuwiex rekwiżit għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, iżda huwa mħeġġeġ.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

Hija meħtieġa Firma Elettronika Kwalifikata għad-dħul fil-pjattaforma ta' medjazzjoni online

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:

L-ebda dokument ma huwa meħtieġ.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Il-ftehim konkluż dwar il-proċedura ta' medjazzjoni online għandu l-istess effetti legali bħal wieħed iffirmat offline.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva.

Kost: L-użu tal-pjattaforma online huwa mingħajr ħlas; madankollu, il-partijiet huma responsabbli għar-remunerazzjoni dovuta lill-medjatur.

Link: <https://mediation.mjs.bg/>

Aktar informazzjoni dwar l-aċċess għall-medjazzjoni online fil-Bulgarija hija disponibbli [hawnhekk](#).

---

## Il-formazzjoni tal-kumpanija u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Il-Portal Unifikat għat-Talba ta' Servizzi Amministrattivi Elettroniċi tal-Aġenzija tar-Reġistru fil-Ministeru għall-Ġustizzja jgħaqqad il-portali online tar-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru tal-Entitajiet Ġuridiċi Mingħajr Skop ta' Qligħ, u r-Reġistru tal-Proprietà. Bl-użu tal-Portal Unifikat, l-utenti mhux irreġistrati jistgħu jaċċessaw it-taqsimha pubblika tal-profil ta' kwalunkwe kumpanija jew entità mingħajr skop ta' qligħ, li fiha informazzjoni dwar l-istatus tar-reġistrazzjoni attwali tagħhom, l-indirizz u r-rappreżentanza legali, l-att fundatur, ir-rapporti annwali finanzjarji u narrattivi, eċċ. L-utenti rreġistrati jistgħu jiksbu aċċess għas-servizzi elettroniċi kollha pprovduti mill-Aġenzija tar-Reġistri u jagħmlu pagamenti għas-servizzi mitluba b'mod elettroniku. Is-servizzi elettroniċi offruti mir-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru tal-Entitajiet Ġuridiċi Mingħajr Skop ta' Qligħ jinkludu:

- Ir-reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni mill-ġdid, bidliet fiċ-ċirkostanzi rigward kumpaniji/organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.
- Ir-reġistrazzjoni taċ-ċirkostanzi rigward il-prokura, il-fergħat tal-kumpaniji, il-likwidazzjoni, oħrajn.
- It-tħabbir ta' atti.
- Il-ħruġ ta' ċertifikati.

Awtorità kompetenti: L-Aġenzija tar-Reġistru fil-Ministeru għall-Ġustizzja

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda.
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:  
L-utenti rreġistrati tal-Portal tal-Aġenzija tar-Reġistru jistgħu jiġu awtentikati b'username u password, kif ukoll bil-modi addizzjonali li ġejjin:
  - b'Firma Elettronika Kwalifikata
  - b'ċertifikat maħruġ mill-Aġenzija tar-Reġistru
  - b'Kodiċi ta' Identifikazzjoni Personali, maħruġ mill-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul
- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:  
L-ebda dokument ma huwa meħtieġ.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Il-possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Iva, il-proċeduri kollha jistgħu jkunu meħtieġa kompletament online.

Kost: L-użu tal-Portal Unifikat online huwa mingħajr ħlas. Japplikaw tariffi differenti għas-servizzi differenti offruti mir-Reġistri.

Link: <https://portal.registryagency.bg/CR/services>

Aktar informazzjoni dwar kif tirreġistra kumpanija u taċċessa informazzjoni dwar kumpaniji fil-Bulgarija hija disponibbli hawnhekk: <https://portal.registryagency.bg/CR/services>

---

## Servizzi tat-traduzzjoni (inkluża t-traduzzjoni awtomatika u l-impatt legali tagħha)

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Iċ-ċittadini jistgħu jissottomettu talbiet elettroniċi għal formoli standard multilingwi tat-twelid, taż-żwieġ u taċ-ċertifikati tal-mewt permezz tas-Sistema tal-Formoli elettroniċi, imħaddma mill-Infrastruttura tal-Gvern Elettroniku tal-EA. L-aċċess għas-Sistema tal-Formoli Elettroniċi huwa disponibbli permezz tal-profil personali tal-utent fuq egov.bg.

Awtorità kompetenti: L-Infrastruttura tal-Gvern elettroniku tal-EA / l-Awtoritajiet municiipali

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà:

Formoli standard multilingwi tat-twelid, taż-żwieġ u ċertifikati tal-mewt jistgħu jintalbu minn persuni kkonċernati miċ-ċertifikat u partijiet terzi awtorizzati.

- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni:

L-utenti jeħtieġu awtentikazzjoni tal-Firma Elettronika Kwalifikata (QES, Qualified Electronic Signature) biex jaċċessaw il-Portal Unifikat għall-Aċċess għas-Servizzi Amministrattivi Elettroniċi, kif ukoll programm Adobe Reader.

- Dokumenti li għandhom jiġu pprovduti:  
Fil-każijiet kollha, l-applikanti jridu jissottomettu:

- Applikazzjoni għall-ħruġ taċ-ċertifikat
- Dokument għat-tariffa mħallsa.

Dokumenti oħra jistgħu jkunu meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi individwali.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument għandu l-effetti legali kif previsti mir-Regolament (UE) 2016/1191.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Iva, il-proċedura tista' titlesta kompletament online.

Kost: Il-kost ivarja skont l-amministrazzjoni municiipali, li tipprovdri s-servizz. L-ammont dovut jiġi ġġenerat awtomatikament u l-utent jiġi dirett lejn is-sistema ta' Pagament elettroniku.

Link:

<https://egov.bg/wps/portal/egov/dostavchitsi+na+uslugi/obshtinski+administratsii/unificirani+uslugi/2000>

---

# Portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Bulgarija

Għan u kamp ta' applikazzjoni:

Il-portal għas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Bulgarija joffri s-servizzi li ġejjin, disponibbli wara r-reġistrazzjoni b'firma elektronika kwalifikata (QES):

- F'ruġ ta' ċertifikat għal proċedimenti kriminali pendenti
- Tressiq ta' lmenti, sinjali u oħrajn miċ-ċittadini
- Sottomissjoni ta' applikazzjoni dwar l-Att dwar l-Access għall-Informazzjoni Pubblika
- F'ruġ ta' ċertifikat għal parti danneġġjata
- Sottomissjoni ta' talba għal akkomodazzjoni u trattament obligatorji
- Sottomissjoni ta' rapport /rapport, ilment/ dwar il-vjolenza domestika
- F'ruġ ta' ċertifikat ta' penali nnotifikat.

Il-portal għas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Bulgarija joffri wkoll is-servizz "Verifika tal-istatus ta' fajl/kawża" li għalih ma hija meħtieġa l-ebda reġistrazzjoni.

Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni ta' servizzi elettroniċi jinkiseb fil-profil irregiſtrat bil-QES jew fl-indirizz tal-email speċifikat matul ir-reġistrazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-"Verifika tal-istatus ta' fajl/kawża", fejn ir-riżultat jiġi viżwalizzat direttament fuq l-iskrin tal-brawżer li jkun qed jintuża.

Awtorità kompetenti:

L-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Bulgarija

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: Biex jaċċessa l-portal, utent irid jawtentika l-identità tiegħu bl-użu ta' Firma Elettronika Kwalifikata.

Effetti legali ta' dokument elettroniku: Id-dokument mibgħut jew riċevut online għandu l-istess effetti legali bħal dak iffirmat offline.

Possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online: Il-proċeduri jistgħu jitlestew kompletament online għall-ħruġ ta' ċertifikat jew informazzjoni.

Kost: Is-servizzi huma mingħajr flus, bl-eċċezzjoni tas-servizz "F'ruġ ta' ċertifikat għal proċedimenti kriminali pendenti" (2 BGN)

Link: <https://e-services.prb.bg/>

---

# Portal tad-data miftuħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Bulgarija

Għan u kamp ta' applikazzjoni: Il-Portal tad-Data Miftuħa tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika tal-Bulgarija jipprovdi aċċess pubbliku għas-settijiet ta' data miftuħa pprovduti mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u relatati mar-rapporti annwali u kwalunkwe rapportar ieħor.

Awtorità kompetenti:

L-Uffiċċju tal-Prosekutur tar-Repubblika tal-Bulgarija

Kundizzjonijiet ta' aċċess:

- Rekwiżiti ta' eliġibbiltà: L-ebda
- Rekwiżiti ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni: L-ebda

Effetti legali ta' dokument elettroniku: M/A

Il-possibbiltà li l-proċedura titlesta kompletament online:

Kost: M/A

Link: <https://opendata.prb.bg/>

---

■ L-aħħar aġġornament: 09/09/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.